# FIL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 14 ta’ Dicembru, 2001.**

**Kawza Numru: 20**

**Citaz. Nru. 844/98GV**

Doc. 167-01

**Mary Grech u b’digriet tal-14 ta’ Jannar, 2000, l-atti gew trasfuzi f’isem Jane Muscat u Mary Anne Frendo ulied l-istess Mary Grech stante l-mewt ta’ Mary Grech**

**-vs-**

**Id-Direttur ta’ l-Ufficju Kongunt, ghan-nom u in rapprezentenza ta’ l-istess, Joseph Aquilina, Ekonomu ta’ Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-Beni ta’ l-Entitajiet Religjuzi Djocezani kollha ta’ Malta ghan-nom u fl-interess tal-Monasteru San Pietru ta’ l-Imdina u b’nota tat-3 ta’ Novembru, 2000, Vincent Ciliberti assuma l-atti tal-kawza stante l-mewt ta’ Joseph Aquilina; Michael Bianchi u r-Reverendu Benjamin Tonna ghal kull interess li jista’ jkollu.**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi i-attrici tippossiedi b'titolu ta' qbiela i-ghalqa maghrufa "ItTafal tal-Wardija" fil-limiti tal-Wardija tal-kejl ta' cirka ghaxar (10) tomniet u dan verso l-qbiela ta' hames Liri Maltin sbatax il-centezmu u hames millezmi (Lm5.17,5) fis-sena, pagabbli kull sena b'lura, fil-15 ta' Awissu ta' kull sena, lill-Ufficcju Kongunt;

Premess illi din ii-qbiela kienet originarjarment tithallas lil Monasteru San Pietru Mdina u dana sakemm l-imsemmija ghalqa ghaddiet f'idejn l-Ufficcju Kongunt a tenur tal-Att IV tas-sena 1992;

Premess illi permezz ta' dikjarazzjoni datata 24 ta' Jannar 1992 (Dok. "A") ir-Reverendu Benjamin Tonna fil-kwalita' tieghu ta' amministratur ta' l-imsemmi Monasteru San Pietru Mdina, iddikjara li huwa fl-imsemmija kapacita' tieghu qabbel l-istess ghalqa, imqabbla lill-attrici, lill konvenut Michael Bianchi ghaliex a detta ta' l-istess Reverendu Tonna allegatament l-attrici Mary Grech ma hallsitx il-qbiela u abbandunat l-ghalqa;

Premess illi l-imsemmi agir tar-Reverendu Tonna, kif ukoll il-kontenut ta' i-anness dokument 'A' redatt u iffirmat mill-istess Reverendu Tonna, huma illegali u lezivi tad-drittijiet ta' l-attrici peress li mhux minnu li l-attrici ma hallsitx il-qbiela u/jew li abbandunat l-ghalqa;

Premess illi nonostante diversi interpellazzjonijiet da parte ta' l-attrici sabiex jigi rimedjat l-istess abbuz u tigi rikonoxxuta esklussivament hi bhala l-unika legittima inkwilina ta' l-ghalqa fuq identifikata, ad eskluzjoni ta' terzi, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddecidi illi l-attrici hi effettivament i-unika legittima detentrici tad-dritt ta' qbiela fuq i-ghalqa maghrufa 'lt-Tafal tal-Wardija' fuq identifikata.

2. Konsegwentement tiddikjara u tiddecidi illi l-allegat titolu ta' qbiela fuq l-istess ghalqa koncess mir-Reverendu Benjamin Tonna fil-kwalita' tieghu ta' amministratur tal-Monasteru San Pietru Mdina lil Michael Bianchi, kif jirrizulta mili-anness dokument "A", hu null u ineffikaci fil-konfront ta' l-attrici u hu wkoll null u ineffikaci fil-ligi.

3. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex ikomplu jirrikonoxxu esklussivament, ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, lill-attrici bhala l-unika legittima possessur tat-titolu ta' qbiela fuq l-ghalqa hawn fuq indentifikata, u konsegwentement tordna u tikkundanna lill-istess konvenuti, jew min minnhom, sabiex jiehdu dawk il-passi amministrattivi kollha necessarji sabiex il-gudizzju ta' din il-Qorti jigi rispettat u implimentat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, u b'rizerva ta' kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-attrici kontra l-konvenuti, jew kontra min minnhom.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici a fol. 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Aquilina noe. a fol. 10 tal-process fejn eccepixxa:

Illi hu jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali;

Jirrilevaw li hemm kawza identika fl-ismijiet "Joseph Grech vs Direttur Kongunt et" (Citaz. 62/98) li tinsab differita' ghat-12 ta' Ottubru, quddiem l-Onor. Imhallef Valenzia.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tal-Ufficju Kongunt a fol. 13 fejn eccepixxa:

1. Illi diga' giet intavolata citazzjoni fl-ismijiet Joseph Grech kontra l-konvenuti fuq premessi rigward rikonoxximent tal-inkwilinat pretiz mill-attrici fil-kawza odjerna tal-istess ghalqa maghrufa bhala "It-Tafal tal-Wardija".

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-Ufficju Kongunt jonora kull ftehim li sar bejn terzi u l-Kurja Arciveskovili qabel l-implementazzjoni tal-ftehim rnilhuq bejn il-Gvem ta' Malta u s-Santa Sede permezz tal-Att IV tal-1992 u ghalhekk huwa jamministra l-proprjeta' abbazi tal-informazzjoni provduta rnill-Kurja.

3. Illi kif jidher mill-formola tal-proprjeta' tal-Kurja (Dok.JO 1) il-qbiela tal-ghalqa fuq riferita hija mnizzla f'isem Michael Bianchi.

4. Illi huwa ma ghandux ibati spejjez stante illi t-trasferiment tal-inkwilinat tal-ghalqa fuq riferita sar meta l-istess proprjeta' kienet ghadha fil-pussess tal-Kurja.

5. Salv. eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Bianchi a fol. 25 tal-process fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament, l-inkompetenza *rationae valoris* tal-istanza attrici stante Ii l-valur Iokatizzju annwali tal-art mertu tal-kawza, ma jeccedix l-Lml,000 (elf lira).

2. Sekondarjament u minghajr pregudizzju, l-ewwel u t-tielet talbiet huma insostenibbli stante Ii jezistu proceduri identici ghall-prezenti citazzjoni Ii permezz taghhom certu Joseph Grech ukoll qed jitlob li dina l-Onorabbli

Qorti tiddikjara li huwa l-"uniku legittimu detentur tad-dritt ta' qbiela fuq l-ghalqa" *de qua*. Mhux possibbli li l-Qorti takkolji dawn it-talbiet a beneficcju tal-attrici meta l-istess attrici taf li hemm persuna ohra li qed tavvanza ezattament l-istess pretenzjonijiet fuq l-ghalqa.

3. Minghajr pregudizzju ukoll il-gudizzju mhux integru stante li qabel l-art ghaddiet lill-eccipjent, din kienet imqabbla ukoll lil certu Joseph Grech.

4. Fil-mertu, l-eccipjent akkwista l-art *de qua* in "*buona fede*" aktar minn hames snin ilu u jgawdi titolu validu ta' qbiela mill-proprjetarji tal-istess art. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol. 40;

Rat in-nota a fol. 47;

Rat id-digriet a fol. 48 li bih gew allegati l-atti tac-citaz. 62/98;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tad-9 ta' Novembru, 2001;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

L-attrici talbet li tinghata sentenza stante li l-ftehim li gie milhuq bejn il-partijiet ma giex iffirmat mill-konvenut Bianchi.

**TALBA**

L-attrici qed titlob li dina l-Qorti tiddeciedi u tiddikjara li hi effettivament l-unika legittima detentrici tad-dritt ta' qbiela fuq l-ghalqa maghrufa "It-Tafal tal-Wardija"; tiddikjara u tiddeciedi li l-allegat titolu ta' qbiela fuq l-istess ghalqa koncess mir-Reverendu Benjamin Tonna fil-kwalita' tieghu ta' amministratur tal-Monasteru San Pietru Mdina lil Michael Bianchi kif jirrizulta mid-dok. A hu null u ineffikaci fil-konfront ta' l-attrici u hu wkoll null u ineffikaci fil-ligi; tordna u tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ikomplu jirrikonoxxu esklussivament ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi lill-attrici bhala l-unika legittima possessur tat-titolu ta' qbiela fuq l-ghalqa imsemmija u konsegwentement tordna u tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom sabiex jiehdu dawk l-passi amminstrattivi kollha necessarji sabiex il-gudizzju ta' dina l-Qorti jigi rispettat u implimentat.

**ECCEZZJONIJIET**

**Il-konvenut Joseph Aquilina** noe rrimetta ruhu ghar-rizultanzi processwali u rrilevaw li hemm kawza identika Citaz. 62/98/GV

**Il-konvenut Direttur tal-Ufficju Kongunt** eccepixxa li diga' giet intavolata kawza ohra fuq l-istess mertu minn Joseph Grech; li huma jonoraw kull ftehim li sar bejn terzi persuni u l-Kurja qabel l-implimentazzjoni tal-ftehim milhuq bejn il-Gvern u s-Santa Sede u ghalhekk huwa jamministra l-proprjeta' abbazi ta' l-informazzjoni provduta mill-Kurja; li skond id-dok. JOI fol. 19 il-qbiela tal-ghalqa fuq riferita hija mnizzla f'isem Michael Bianchi;  illi huwa m'ghandux ibati spejjez stante illi t-trasferiment tal-inkwilinat tal-ghalqa sar meta l-istess proprjeta' kienet ghadha fil-pussess tal-Kurja.

**Il-konvenut Michael Bianchi** eccepixxa l-inkompetenza ta' dina l-Qorti *rationae valoris*; li hemm kawza ohra fejn Joseph Grech qed jivvanta l-istess titolu; li l-gudizzju mhux integru ghax qabel l-art ghaddiet ghand l-eccipjent dina kienet imqabbla lil Joseph Grech; l-eccipjent akkwista l-art *in buona fede* aktar minn hames snin ilu u jgawdi titolu validu ta' qbiela mill-proprjetarji ta' l-istess art.

**PROVI**

**Mary Grech** xehdet li l-qbiela tal-ghalqa "It-tafal tal-Wardija" kienet fuq isem ir-ragel taghha Nazzareno Grech u meta miet ghaddiet fuqha. Bl-Att IV tan-1992 l-ghalqa ghaddiet minn idejn il-Monasteru San Pietru ta' l-Imdina ghal idejn l-Ufficju Kongunt. Kien f'dan iz-zmien li rrizultalha li l-qbiela kien dar fuq isem Michael Bianchi b'dikjarazzjoni ta' Fr. B. Tonna fol. 5. Hi dejjem kienet hallset il-qbiela u qatt ma kienet abbandunat l-ghalqa u qatt ma nfurmat lil Fr. Tonna li hija ma kienitx interessata fl-ghalqa. Billi l-posizzjoni ma tbiddlitx ghalkemm kienet ipprotestat ruhha dwar dana l-fatt, hija kellha tipprocedi b'dina l-kawza. B'riferenza ghall-kawza l-ohra 62/98 qalet li Joseph Grech u Michael Bianchi kienu ittransigew il-kawza billi Bianchi kien accetta u rrinunzja ghal kull pretenzjoni li seta' jivvanta fuq l-ghalqa mertu ta' dika l-kawza. Hu m'ghamilx l-istess f'dina l-kawza.

**Fr. Benjamin Tonna** xehed li hu kien prokuratur tal-Monasteru ta' San Pietru l-Imdina. L-attrici kienet thallas il-qbiela mhux lilu direttament u kienet tinghata ricevuti. Id-dokument a fol. 5 hi kitba tieghu. Ma ftakarx kif kienet giet ghandu l-informazzjoni li l-ghelieqi kienu gew abbandunati u li ma thallsitx qbiela. Kien gie wiehed li kien akkumpanjat minn xi avukat jghidlu storja u kien emminha. Dan ma kienx gie minn naha ta' Mary Grech imma minn naha l-ohra. Li hemm fl-iskrittura sar *in buona fede* pero' ma jirriflettiex il-verita.' Bhala fatt Mary Grech baqghet thallas regolarment u ghandhom l-ircevuti.

**Vincent Ciliberti** xehed li hu agent ekonomu tal-Kurja u li *l-board of management* tal-Kurja ha d-decizjoni li jhallas l-ispejjez tal-kawza u tigi ceduta.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li d-dokument a fol. 5 kien sar bi zball u *in buona fede*, u ghalhekk ma jirriflettiex il-realta' tal-fatti u l-verita' u cioe' li l-qbiela kien u ghandu jibqa' fuq isem Mary Grech kif illum rapprezentata billi Mary Grech dejjem hallset qbiela.

Dwar l-eccezzjoni tal-konvenut Michael Bianchi dwar l-inkompetenza ta' dina l-Qorti *rationae valoris*, il-Qorti tirrileva li l-mertu tal-kawza hi kwistjoni dwar proprjeta' u ghalhekk hija ta' kompetenza ta' dina l-Qorti.

Kwantu ghall-eccezzjoni l-ohra fis-sens li hemm kawza ohra fejn Joseph Grech qed jivvanta l-istess titolu, il-Qorti tirrileva li skond id-dok. a fol. 5 l-art hi imqabbla ghand Joseph Grech u ghand Mary Grech u waqt li Bianchi rrinunzja ghall-pretenzjoni tieghu fil-kawza l-ohra m'ghamilx l-istess f'dina l-kawza.

Kwantu ghall-ispejjez il-Kurja kienet accettat li thallas l-ispejjez tal-kawza *come ceduta*, imma stante li Michael Bianchi ma ffirmax il-ftehim milhuq bejn il-partijiet, il-kawza ma setghetx tigi ceduta u minflok kellha tinghata dina s-sentenza. Ghalhekk il-konvenut Bianchi ghandu jehel l-ispejjez zejda li gew inkorsi u konsegwentement ser jinghata l-infraskritt provvediment.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddeciedi li l-attrici hi l-unika legittima detentrici tad-dritt ta' qbiela fuq l-ghalqa maghrufa "It-Tafal tal-Wardija";

Tiddikjara u tiddeciedi li l-allegat titolu ta' qbiela fuq l-istess ghalqa koncess mir-Reverendu Benjamin Tonna fil-kwalita' tieghu ta' amministratur tal-Monasteru San Pietru Mdina lil Michael Bianchi kif jirrizulta mid-Dok. A hu null u ineffikaci fil-konfront ta' l-attrici u hu wkoll null u ineffikaci fil-ligi;

Tordna u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jirrikonoxxu esklussivament ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi lill-attrici kif rapprezentata bhala l-unika legittima possessur tat-titolu ta' qbiela fuq l-ghalqa msemmija u konsegwentement tordna u tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jiehdu dawk il-passi amminstrattivi kollha necessarji sabiex il-gudizzju ta' dina l-Qorti jigi implimentat.

Bl-ispejjez nofs ghall-konvenut Bianchi u nofs ghall-konvenut Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**